**KULLEĠĠ SAN INJAZJU**
**Skola Sekondarja tal-Ħandaq, ĦAL QORMI**
**EŻAMIJIET TA' NOFS IS-SENA 2014/2015**

**IL-LIVELLI**

**Programm ta' Kurrikulu Qofol (CCP)**

| IT-TIELET SENA | IL-MALTI | IL-ĦIN: Siegħa u nofs |
|---|---|---|

**L-Isem u l-Kunjom:** ______________________________ **Il-Klassi:** _______

## GĦALL-UŻU TAL-GĦALLIEMA

| Assessjar formattiv | Taħdit u Smigħ | Qari | Kitba | Letteratura | Proġett | Fehim mis-Smigħ | Total |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | 10 | 10 | 10 | 10 | 10 | 10 | 60 |
| | | | | | | | |

| Assessjar summattiv | Fehim mill-qari | Grammatika | Kitba Funzjonali | Kitba Libera | Total |
|---|---|---|---|---|---|
| | 10 | 10 | 10 | 10 | 40 |
| | | | | | |

| Total aħħari |
|---|
| 100 |
| |

## A) <u>Silta għat-Taħriġ:</u>

***Aqra sew din is-silta u wieġeb wara:***

**<u>Ir-riċetta tal-Pudina Maltija</u>**




**<u>Ingredjenti:</u>**

Żewġ ħobżiet tal-Malti kbar

Erba' mgħaref dqiq

Erba' bajdiet

Terz ta' litru ħalib

Nofs kilo kokotina

Nofs kilo zokkor

Kwart sultana

Kwart konfettura

Kwart tamal imqatta'

Kwart passolina

Qoxra ta' laringa jew mandolina mqattgħa f'biċċiet żgħar

**<u>Metodu</u>**



1. Wara li xxarrab il-ħobż ixħet id-dqiq, iz-zokkor u l-kokotina sakemm it-taħlita tagħqad.
2. Ħawwad il-bajd mat-taħlita u ixħet l-ingredjenti wara xulxin flimkien mal-ħalib.
3. Ixħet it-taħlita kollha ġo dixx midluk bil-butir.
4. Daħħal fil-forn u sajjar għal madwar siegħa u kwart.

**A) <u>FEHIM IT-TEST</u>** (10 marki – marka l-waħda)

**Veru jew Falz (Immarka permezz ta' <u>sinjal taħt</u>)**

1. Għall-pudina għandek bżonn żewġ ħobżiet kbar. VERU / FALZ

2. Għandek bżonn qoxra ta' tuffieħa għal togħma tajba. VERU / FALZ

3. Il-ħobż għandu bżonn jixxarrab. VERU / FALZ

4. Tajjeb li wieħed jixħet l-ingredjenti mal-ħalib. VERU / FALZ

5. Il-pudina ddum issir fil-forn madwar kwarta. VERU / FALZ

**<u>Imla l-vojt mis-silta</u>:**

6. Il-pudina għandha bżonn erba' mgħaref ____________________________.

7. Għal togħma ħelwa, il-pudina nagħtuha nofs kilo ________________________.

8. L-ingredjenti għandhom jinxteħtu mat-taħlita flimkien mal- _______________.

9. Meta tlesti t-taħlita ixħet kollox ġo ________________________ midluk bil-butir.

10. Il-pudina ddum issir fil-forn madwar _______________________.

**B) GRAMMATIKA** (10 marki – marka kull waħda)

**1. Ikteb in-numri fi kliem:** (6 marki)

a. It-temperatura telgħet **(10)** ________________ gradi fi żmien ġimagħtejn.

b. Ommi xtrat **(6)** _____________ siġġijiet ġodda għall-kamra tal-pranzu.

c. Marija għadha kemm għalqet **(25)** _____________________________ sena.

d. Mur ġib **(2)** ______________ larinġiet biex nagħsruhom.

e. Il-ħsara fil-kompjuter swietni **(50)** __________________ ewro.

f. John ġie l- **(1)** _______________________ fl-eżami tal-Malti.

2. **Aqra sew il-ħin u iktbu fi kliem:** (4 marki)

1. Mort sal-Belt fil-  ___________ ta' filgħodu.

2. Dħalt għall-quddiesa tas-  _________________________.

3. Ħija qam fid-  _________________ għax kien marid.

4. Oħti tmur l-iskawts fl-  __________________ ta' waranofsinhar.

## C) IL-MALTI PRATTIKU (5 marki)

**Bl-għajnuna tal-punti fil-kaxxa, oħloq riklam qasir biex tħajjar lin-nies jiġu jixtru mill-ħanut li fetaħ fir-raħal/belt tiegħek.**

Ħanut ġdid bl-isem ta' ___________________________________

li jinsab___________________________________________

Fih għandek issib _____________________________

Għandna offerti speċjali fuq _________________________________

Idħol fuq is-sit tal-ħanut. Inġibulek dak li trid id-dar tiegħek

billi ċċempel fuq _________________________ .





**D. <u>KOMPONIMENT – NIKTBU KITBA KREATTIVA</u>** (15-il marka)



Hemm grupp ta' kantanti li int tant tammira u ġejjin Malta biex jagħtu kunċert ta' sagħtejn, fuq il-Fosos tal-Furjana. Ikteb punti, sentenzi jew paragrafu ta' x'kont tgħid lil sħabek biex tħajjarhom jiġu miegħek għal dan il-kunċert u bħalek jieħdu gost bl-atmosfera mużikali li jkun hemm.

***<u>Uża dan il-pjan biex jgħinek tibni sentenzi tajbin:</u>***

Pjan

1. Meta se jsir il- kunċert? ________________
2. X'jismu l-grupp? ______________________
3. Fi x'ħin u fejn se niltaqgħu? ________________
4. Kemm se tħallsu? ______________________
5. Għaliex tixtieqhom jiġu? ____________________
6. X'għandhom iġibu? __________________
7. Fi x'ħin se jispiċċa? ______________________

- **Ikteb ftit sentenzi skont il-pjan li fassalt.**

- TMIEM IL-KARTA -